# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 4 ta' Marzu 2024**

**Fl-atti tal-mandat t'arrest kawtelatorju ta' bċejjeċ tal-baħar il-fuq minn għaxar metri tul numru 172/2024 :**

**MSC Mediterranean Shipping Company SA soċjetà estera reġistrata ġewwa l-Isvizzera bin-numru tar-reġistrazzjoni tagħha CHE-111.954.803 kif debitament rappreżentata minn Dr. Ann Fenech KI 28763M bħala mandatarja speċjali**

**vs.**

**Il-Bastiment "MSC Bilbao" (IMO 9301495)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors b'urġenza ta' Dr. Abigail Bugeja (KI74986M għan-nom tal-bastiment MSC Bilbao u l-bareboat charterers MS "MSC Bilbao" Schiffahrtsgesellschaft mbH fejn talbet li pendenti l-arrest tal-bastiment de quo fis-sensi tal-art 857(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ispejjeż konsistenti fil-bunker, insurance, opex (bare essentials) u crew in kwantu huma meħtieġa għall-preservazzjoni tal-bastiment jiġu mħalsa mill-parti li tkun ħarġet il-mandat – ergo s-soċjeta intimata f'dan ir-rikors – mingħajr ħsara li tiġbor lura dawk l-ispejjeż flimkien mal-pretensjoni tagħhom skont il-liġi jekk ikun il-każ;

Rat ir-risposta oppożitorja ta' Dr. Ann Fenech għal MSC Mediterranean Shipping Company SA soċjetà estera reġistrata ġewwa l-Isvizzera bin-numru tar-reġistrazzjoni tagħha CHE-111.954.803 li ma kellhiex tħallas għal dawk l-ispejjeż in kwantu ma kienux spejjeż marbuta ma preservazzjoni tal-bastiment iżda spejjeż li semmai huma pagabbli mis-sid jew operatur tal-bastiment u mhux mill-kreditur.

Rat id-dokumenti annessi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

1. Kemm fit-test tar-rikors u r-risposta kif ukoll fit-trattazzjoni orali, l-partijiet għamlu riferenza ampja għall-artikolu 857(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll għall-proċedura fl-atti tal-mandat t'arrest tal-bċejjeċ tal-baħar 425/2022 fl-ismijiet **Enemalta plc vs Il-Bastiment CHEM P (IMO nr. 6806444) u l-proprjetarja tagħha s-soċjeta estera RV International DMCC, inkorporata ġewwa l-UAE** dekretat minn din il-Qorti diversament presjeduta l-ewwel fil-5 ta' Settembru 2022 u mbagħad b'digriet suċċessiv fl-24 t'Ottubru 2022.

2. L-artikolu 857(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar fil-kliem tiegħu:

   > (4) L-ispejjeż kollha li jkunu meħtieġa għall-preservazzjoni tal-vapur jew bastiment arrestat għandhom, mill-mument meta l-mandat ta' arrest jiġi notifikat lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, jitħallsu mill-parti li toħroġ il-mandat, mingħajr ħsara għad-dritt li tiġbor lura dawk l-ispejjeż flimkien mal-pretensjoni tiegħu.

3. Iżda dan l-artikolu jrid jinqara wkoll fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-artikolu 857 b'mod sħiħ:

   > (1) L-awtorità li tinsab f'idejha jew taħt il-kontroll tagħha tinsab il-biċċa tal-baħar li kontra tagħha ħareġ dan il-mandat ta' arrest għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex l-ordni tal-qorti tinġieb għall-attenzjoni ta' terzi.
   >
   > (2) Għall-finijiet ta' dan il-mandat l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew kull awtorità oħra li tista' minn żmien għal żmien tiġi hekk nominata mill-Ministru titqies bħala l-awtorità li jkollha f'idejha jew taħt is-setgħa jew kontroll tagħha l-vapur jew il-bastiment arrestat.

(3) Bastiment jitqies li jkun taħt is-setgħa u l-kontroll tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta hekk kif dak il-bastiment jidħol fl-ibħra territorjali ta' Malta.

4. B'hekk filwaqt li huwa minnu li l-Liġi takkolla proviżorjament l-ispejjeż kollha li jkunu meħtieġa għall-preservazzjoni tal-vapur jew bastiment lil parti li tkun ħarġet il-mandat (mingħajr preġudizzju għad-dritt li tiġbor dawk l-ispejjeż flimkien mal-pretensjonijiet tagħha) mill-banda l-oħra huwa veru wkoll li l-liġi ma tispeċifikax dawn l-ispejjeż kollha meħtieġa għall-preservazzjoni tal-bastiment f'xiex ikunu jikkonsistu.

5. Il-proċedura **CHEM P** però tat tifsira restrittiva għall-kelma "preservazzjoni" fis-sens li kellhom jiġu mifhuma li jkunu **<u>biss</u>** dawk l-ispejjeż strettament meħtieġa biex il-vapur ma jiddeterjorax u li dawn fi kwalunkwe każ iridu jinżammu fil-minimum. Din il-Qorti allura tifhem li din it-tifsira tirreferi biss dawk l-ispejjeż meħtieġa għall-messa in sicurezza tal-bastiment jew fi kliem dik il-Qorti "l-ispejjeż biex tiġi assikurata s-sigurta tal-bastiment"; mentri l-ispejjeż l-oħra, inkluż ħlas tal-ekwipaġġ u spejjeż oħra ta' kuljum jibqgħu responsabilita tas-sidien tal-bastiment".

6. Miltuba tikkjarifika iżjed dan l-aspett, bis-saħħa ta' rikors datat 13 ta' Settembru 2022 is-soċjeta RV International DMCC u l-bastiment CHEM P kienu talbu lil dik il-Qorti tvarja d-digriet tagħha fuq imsemmi biex l-Enemalta plc tiġi wkoll ordnata tħallas l-ispejjeż relatati mal-aġent, mal-pagi tal-membri tal-ekwipaġġ, l-ispejjeż ġornaljeri inkorsi minnhom fl-ispustjar tal-bastiment, u berthing fees.[1]

7. Iżda dik il-Qorti, b'digriet tal-24 t'Ottubru 2022 kjarifikat li dak id-digriet ma kien jagħti l-ebda pronunzjament favur is-soċjeta RV International DMCC u l-bastiment CHEM P **<u>li kienu jibqgħu responsabbli skont id-dritt marittimu għall-bastiment</u>**. B'hekk dik il-Qorti ċaħdet dik it-talba.

8. Din il-Qorti taqbel ma din il-linja ta' ħsieb espressa f'**CHEM P.** Tqis li hemm differenza bejn il-messa in sicurezza ta' bastiment ossija l-preservazzjoni tal-bastiment fuq naħa għal spejjeż oħra meħtieġa għaż-żamma fi stat ta' operabilita' tal-bastiment.

9. Il-preservazjoni timplika azzjoni biex tiġi evitata ħsara jew dannu lil bastiment skont iċ-ċirkostanzi prevalenti li jkun jinsab fihom. Intant l-artikolu 857(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jitkellimx fuq l-

[1] Essenzjalment allura tagħmel talba li hija kważi identika għal dik in disamina f'dan il-każ preżenti.

ispejjeż tal-manutenzjoni tal-bastiment jew taż-żamma fi stat t'operabilita tiegħu iżda spejjeż meħtieġa għall-preservazzjoni tal-bastiment. Dan huwa terminu li minnu nnifsu huwa diġà ristrett. Imbagħad din il-Qorti diversament presjeduta tagħtu tifsira iżjed restrittiva minn hekk.

10. Issa f'dan il-każ, l-ispejjeż imsemmija mir-rikorrenti – fil-kwalita tagħhom ta' bareboat charterers, u allura meqjusa fl-industrija f'figura li tiġi ġieli mxebħa ma dik ta' "de facto owners" tal-bastiment – ma jiffigurawx fil-parametri ta' spejjeż ta' preservazzjoni jew messa in sicurezza tal-bastiment iżda huma spejjeż marbuta maż-żamma fi stat ta' operabilita tal-bastiment. Kemm fil-CHEM P, kif ukoll f'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li dawn huma spejjeż li jmorru lil hinn minn dak previst fl-artikolu 857(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u huma spejjeż li jibqgħu responsabilita tas-sidien jew noleġġjaturi tal-bastiment skont il-każ.

Għaldaqstant tiċħad it-talba, bl-ispejjeż.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**